Qorti Ċivili, Prim'Awla

Imħallef Anthony Ellul

Rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru: 1262/2023 fl-ismijiet

**Eunice Briffa**

**Vs**

**Malta Council For Science and Technology (ESPLORA).**

1 ta' Awissu, 2023.

1. B'rikors preżentat fit-18 ta' Lulju 2023 ir-rikorrenti talbet lill-qorti sabiex iżomm lill-intimata milli:

   *"tkeċċi jew tittermina l-impieg, jew bi kwalunkwe mod ieħor tirrevoka d-detailing tagħha minn mal-Malta Council For Science & Technology (ESPLORA) fir-rwol ta' Executive (Group Bookings and Outreach Manager), jew tikkawża li ssofri xi detriment jew preġudizzju ieħor minħabba l-meritu ta' dan ir-rikors jew kwalsiasi raġuni relatata miegħu, jew tieħu xi passi li jistgħu iċaħħdu lill-esponenti mir-remunerazzjoni tagħha, jew tbiddilha b'mod unilaterali l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha".*

2. L-intimata wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn il-qorti għandha tiċħad it-talba.

3. Il-qorti semgħet lid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-31 ta' Lulju, 2023 u ħalliet ir-rikors għal digriet *in camera*.

4. Jirriżulta li:

   i. Ir-rikorrenti impjegata mas-servizz pubbliku u sa mis-sena 25 ta' Settembru 2015 kienet detailed mal-intimata bħala Scale 7 Executive (Duty Manager).
   ii. B'effett mit-2 ta' Lulju 2019 okkupat il-kariga ta' Executive (Bookings, Audience Development and Administration).
   iii. B'seħħ mis-6 ta' Diċembru 2022 ir-rikorrent ingħatat il-kariga ta' Executive (Group Bookings and Outreach Manager).
   iv. B'ittra datata 27 ta' April 2023 ir-rikorrenti kienet informata li kienu saru ilmenti dwar *"... your behaviour during Edukids events"* u li ttieħdet id-deċiżjoni li terġa' titpoġġa fil-kariga ta' Duty Manager. Infurmawha wkoll li, *".... if such behaviour is repeated from your side disciplinary actions will be taken accordingly"*.
   v. L-intimata talbet ir-revoka tad-*detailing* tar-rikorrenti, u ssostni li kellha dritt tagħmel hekk *"14.... a bażi ta' ristrutturar fi ħdan l-istess entita"*.

5. L-intimata hi impjegata tas-servizz pubbliku u ovvjament l-intimata ma tistax tkeċċiha minn dak l-impieg. Ladarba diġa' ttieħdet id-deċiżjoni li r-rikorrenti terġa' titpoġġa fil-kariga ta' Duty Manager (ittra tas-27 ta' April 2023), ir-rikors

għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma jistax isservi bħala rimedju proviżorju għar-revoka ta' dik id-deċiżjoni. L-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu li żżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li hi ta' preġudizzju lil ħaddieħor, u mhux biex jitħassar b'mod proviżorju dak li jkun diġa' sar u l-affarijiet jirrivertu għal li kienu qabel id-deċiżjoni.

6. L-intimata ssostni li t-tibdil fil-kariga ma kellu l-ebda impatt fuq ir-rikorrenti għaliex xorta baqgħet fi skala 7. Jista' jkun, pero' x'aktarx li kull darba li r-rikorrenti ingħatat kariga ġdida, kellha kundizzjonijiet aħjar mill-kariga ta' qabel.

7. Inoltre, *prima facie* ma jidhirx li l-ittra tas-27 ta' April 2023 kienet preċeduta b'xi proċeduri ta' dixxiplina kontra r-rikorrenti. Ir-rikorrenti stess qalet li, *"(d) Illi kawża ta' deċiżjoni ibbażata fuq motivazzjonijiet dixxiplinarji, l-kunsill esponent ordna lir-rikorrenti sabiex tirreverti lura għad-doveri tagħha ta' Executive (Duty Manager) Scale 7"*.

8. Mad-daqqa t'għajn hu wkoll suspettuż kif it-talba għar-revoka ta' *detailing* saret ftit wara li l-intimata poġġiet lura fil-kariga oriġinali ta' Executive (Duty Manager), fi kliemha bħala miżura ta' dixxiplina. It-terminazzjoni ta' *detailing* minħabba ristrutturar irid ikun wieħed ġenwin u mhux xi manuvra sabiex entita pubblika teħles minn impjegat.

9. Hu veru li m'hemm xejn x'iżomm lir-rikorrenti milli tfittex id-drittijiet tagħha f'kawża. Pero' jekk it-talba għar-revoka ta' *detailing* tintlaqa', ser ifisser li r-rikorrenti mhux ser tibqa' taħdem mal-ESPLORA u jkollha tirriverti fil-kariga li kienet tokkupa qabel bdiet taħdem ma' ESPLORA (ara paragrafu 5.2.3 tal-*Manual on Resourcing Policies and Procedures*). Kariga li milli fehmet il-qorti hi inqas minn dik li tokkupa bħalissa mal-intimata.

10. Dan fih innifsu hu ta' preġudizzju għar-rikorrenti. Dan apparti li hu magħruf ukoll li kawżi jieħdu ż-żmien tagħhom sabiex jiġu deċiżi. Il-mandat ta' inibizzjoni hu mezz kawtelatorju sabiex iwaqqaf lill-intimata milli tagħmel xi ħaġa li hu ta' preġudizzju għar-rikorrenti fl-impieg li għandha, u b'hekk jingħata rimedju *ad interim*. L-argument li l-mandat ta' inibizzjoni jintlaqa' biss jekk ir-rikorrent ikun ser isofri preġudizzju irrimedjabbli, ma jikkonvinċix lil din il-qorti. Min-naħa l-oħra kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u jispetta lill-qorti biex tiddeċiedi jekk fil-każ partikolari huwiex **meħtieġ** il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

11. Id-deċiżjoni dwar ir-revoka ta' *detailing* tar-rikorrenti ma' ESPLORA tidher li ttieħdet, u issa jispetta lill-Prim'Ministru sabiex jiddeċiedi japprovax it-talba tal-intimata (ara paragrafu 5.2.4 tal-*Manual on Resourcing Policies and Procedures*).

12. F'dan il-każ partikolari l-qorti tqis li hu meħtieġ li tingħata ordni sabiex twaqqaf lir-rikorrenti milli tagħmel xi ħaga oħra li jista' jwassal għar-revoka tad-*detailing* tar-rikorrenti mal-intimata f'każ li fadal x'isir.

13. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet jekk fadal x'isir min-naħa tar-rikorrenti, in-nuqqas ta' ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ser joħloq preġudizzju lir-rikorrenti

li fil-fehma tal-qorti ser ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' dak li jista' għad irid isir mill-intimata fl-eżerċizzju sabiex ir-rikorrenti ma tibqax *detailed* ma ESPLORA. Dan meta tikkunsidra l-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq. Dan ovvjament bla preġudizzju għad-deċiżjoni li għad trid tittieħed mill-Prim'Ministru.

Għaldaqstant peress li l-qorti sodisfatta li jeżistu l-elementi meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tilqa' t-talba tar-rikorrenti biss fis-sens li tinibixxi lill-intimata milli min-naħa tagħha tagħmel xi ħaġa oħra li jista' jwassal għar-revoka tad-*detailing* tar-rikorrenti minħabba r-ristrutturar li qalet li qiegħda tagħmel fl-ESPLORA. Dan ovvjament soġġett għad-deċiżjoni tal-Prim Ministru, jekk kif qalet ir-rikorrenti diġa' talbet għar-revoka ta' *detailing*.

Spejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

Imħallef Anthony Ellul.